**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Rikors Ġuramentat nru. 575/2020MH**

**Avv.Joseph M. Sammut (K.I. 430083M)**

**bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta'**

**attriċi Franċiza VidaPam**

**vs**

**Is-soċjeta' estera Indian Empress Limited**

**Inkorporata fl-Isle Of Man 120636C**

**Illum 12 ta' Lulju, 2021**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Dottor Joseph M.Sammut noe fejn ġie premess illi

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf personalment il-fatti segwenti:-*

*Illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta attrici VidaParm fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u ghoxrin elf u tlett mija u hamsin ewro (€28, 350) rapprezentanti hlas dovut ghal- servizzi legali prestati lis-socjeta intimata bejn is-sittax (16) t'April elfejn u disgha (2009) sas-seba (7) ta' Dicembru elfejn u disgha (2009) u dan kif jirrizulta ahjar min-Note of Charges tal-ammont msemmi anessa u mmarkata bhala Dok A.*

*Illi s-socjeta konvenuta minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut baqghet inadempjenti.*

*Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jissollevaw kontra t-talbiet rikorrenti;*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni:-*

1. *Taqta' u tiddeciedi din it-talba tal-atturi nomine bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tiddikjara lis-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tmienja u ghoxrin elf u tlett mija u hamsin ewro (€28, 350) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi legali resi lis-socjeta intimata u dank if jirrizulta ahjar minn Dok A hawn aness u konsegwentement,*

3. *Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma komplessiva ta' tmienja u ghoxrin elf u tlett mija u hamsin ewro (€28, 350) inkluz l-interessi legali mid-data tal-fattura.*

*Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intinata minn issa ingunta sabiex tixhed.*

Is-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi Vida Pam fl-ammont kumplessiv ta' tmienja u għoxrin elf u tlett mija u ħamsin ewro (€28, 350) rappresentanti ħlas dovut għal serviżżi legali prestati lis-soċjeta' intimata bejn is-sittax (16) ta' April, elfejn u disgħa (2009) sas-7 ta' Diċembru, elfejn u disgha (2009) u dan kif jirriżulta aħjar minnn Note of Charges tal-ammont msemmi annessa u mmarkata Dok A.

Illi s-soċjeta' konvenuta minkejja li ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas l-ammont dovut baqgħet inadempjenti.

L-ammont mitlub huwa ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, l-ntimati m'għandhom ebda eċċeżżjonijiet x'jissolevaw kontra t-talbiet rikorrenti.

Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni

1. Taqta u tiddeċidi din it-talba tal-atturi nomine bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tmienja u għoxrin elf tlett mija u ħamsin ewro (€28,350) rappresentanti ħlas dovut għal servizzi legali resi lis-soċjeta' intimata u dan kif jirrizulta aħjar minn Dok.A anness u konsegwentement;

3.Tikkundana lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma komplessiva ta' tmienja u għoxrin elf tlett mija u ħamsin ewro (€28, 350) inkluż l-interessi legali mid-data tal-fattura.

Rat lil-konvenuta socjeta' debitament notifikata ma resqet ebda tip ta' difiza anzi għazlet li tibqa' kontumaċja.

Nonostanteċio' l-Qorti għaddiet biex tara l-atti kollha lilha esebita anke in vista ta' dak dikjarat lilha fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2021.

Illi tara li m'hemm ebda raguni għala ma tilqax it-talbiet attriċi.

Konsegwsentement taqta u tideċidi billi tilqa t-talbiet kif dedotti u

tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tmienja u għoxrin elf u tlett mija u ħamsin ewro (€28, 350)

rappresentanti ħlas dovut għal serviżżi legali resi lis-soċjeta' intimata u dan kif jirrizulta aħjar minn Dok.A anness u

konsegwentement;

tikkundana lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma komplessiva ta' tmienja u għoxrin elf u tlett mija u ħamsin ewro (€28, 350) inkluż l-interessi legali mid-data tal-fattura.

Bl-ispejjez għas-soċjeta' konvenuta.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**